# IL-KWADRU ARTISTIKU U DEVOT TA' SALUS INFIRMORUM

Dan il-kwadru prezzjuż, xogħol perfett tal-pittur magħruf Taljan Kav. P. Gagliardi, huwa kopja eżatta ta' ieħor mirakoluż li jinsab meqjum fil-knisja ta' Santa Maria in Gianicolo, f'Ruma, u li miegħu hemm marbut avveniment storiku interessanti.

Meta fis-sena 1871 il-Garibaldini ħabtu għal Ruma u ħaduha minn idejn il-Papa immortali Piju IX, l-imsemmi kwadru tal-Madonna kien irċieva ħafna nsulti u disprezz minn nies bla kuxjenza. Biex ipatti għal dan is-sagrileġġ, Piju IX kien ordna li jsir talb u pellegrinaġġi ta' tpattija lil din ix-xbieha tal-Madonna, u kkonċeda diversi ndulġenzi lid-devoti li jieħdu sehem.

Meta t-tieni Isqof t'Għawdex, Mons. Anton Grech Delicata (1868-1876) sema' b'dan l-avveniment doloruż, xtaq u ried li hu u d-djoċesi tiegħu jieħdu sehem huma wkoll f'din ir-riparazzjoni lill-Madonna, li lejha kellu devozzjoni speċjali. U għalhekk meta kien Ruma ordna lill-Gagliardi biex jagħmillu kopja eżatta tal-kwadru ddisprezzat. Meta din il-kopja tlestiet u waslet Għawdex fil-bidu tas-sena 1873, Mons. Isqof Delicata rregalaha lis-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni tal-Qala, li kien il-mimmi t'għajnejh, tant li kif hu magħruf kien jiġi jinviżtah kważi kuljum, u ħafna drabi anke bil-mixi.

Fuq l-appell mimli ħeġġa ta' Mons. Delicata biex uliedu l-Għawdxin jirriparaw huma wkoll lill-Madonna għall-insulti li kienet irċeviet f'Ruma u jaqilgħu l-indulġenzi mogħtija minn Piju IX, kienu saru matul ir-Randan ta' dik is-sena għadd kbir ta' pellegrinaġġi minn kull naħa t'Għawdex għas-Santwarju tal-Qala fejn il-kwadru kien ġie espost għall-qima. Meta l-pellegrini kienu jaslu bil-gżuz lejl u nhar fis-Santwarju, mixħutin għarkuptejhom quddiem dan il-kwadru kienu jsellmu lill-Madonna b'din it-talba: INSELLMULEK, JA MARIJA, BIT-TISLIMA ĦELWA TA' SALUS INFIRMORUM. KEMM KONT IXXURTJATA, ĠEJT IMFAĦĦRA U ONORATA, FIT-TEMPJU TAL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA. U mbagħad jirreċtaw 9 Ave Marijiet u Salve Reġina.

Dan il-kwadru għażiż, li fil-perfezzjoni artistika tiegħu tara lill-Madonna ddawwar rasha u tħares fiss lejk minn kwalunkwe naħa jew pożizzjoni li tmur tħares lejh, ġibed fuq il-poplu Għawdxi għadd immens ta' grazzi u barka mis-sema.







Minn dak li kitbulna d-devoti ta' dan il-kwadru.

- *Inrodd ħajr lill-Madonna għax kont ma niflaħx ħafna u issa nħossni tajba.*
- *Saritli operazzjoni u wara rġajt kont marida ħafna. Ħsibt li l-operazzjoni ma kenitx irnexxiet, imma t-tobba kkonfermaw li ma kelli l-ebda kumplikazzjoni.*
- *Tlabt b'ħerqa kbira iżjed mis-soltu lill-Madonna (wara li din is-santa ġiet f'idejja ma nafx kif) għal waħda xebba li saritilha operazzjoni delikata ħafna fi sptar speċjalizzat barra minn Malta. Ġiet operata l-Ġimgħa fil-għodu, is-Sibt ħarġuha mill-I.T.U u l-Ħadd fil-għodu ħadet sehem fil-quddiesa u kellmet lill-ġenituri tagħha fuq it-telephone.*
- *Jien qlajt żewġ grazzi bl-interċessjoni tal-Madonna taħt it-titlu ta' Salus Infirmorum.*